# Giovanni Battista Petralata u Carlo Cavaletti

## *Żewġ Inkwiżituri li mietu f'Malta u midfunin fil-Birgu u f'Bormla*

**kitba ta' Joseph R. Gatt**

### L-Inkwiżituri f'Malta

Tajjeb li qabel xejn ngħidu x'inhi l-Inkwiżizzjoni u kif din daħlet f'Malta. L-Inkwiżizzjoni Rumana kienet qorti tal-knisja biex tħares lill-fidili milli jaqgħu fl-ereżija. Kienet twaqqfet fl-1542 mill-Papa Pawlu III minħabba t-tixrid tal-Luteraniżmu. L-Inkwiżizzjoni kellha l-patrun tagħha lil San Pietru ta' Verona, martri Dumnikan.

Kien il-Papa Piju IV li fil-21 ta' Ottubru 1561 waqqaf it-tribunal tal-Inwiżizzjoni f'Malta. L-Isqof Domenico Cubelles (1540–1566) ġie maħtur bħala l-ewwel Inkwiżitur Appostoliku f'dik is-sena stess; imma ta l-bidu tal-Inkwiżizzjoni fl-1562, fi żmien il-Granmastru Jean Parisot de La Valette (1557–1568). Max-xnigħat li t-Torok kienu se jaħbtu għal Malta fl-1565, il-Qorti tal-Inkwiżizzjoni għalqet; l-Assedju l-Kbir ġab is-sospensjoni tat-tribunal, il-qorti dam tliet snin biss; minn Awwissu 1562 sa Ġunju 1565. F'Novembru 1566 miet l-Isqof Cubelles fit-22 ta' Novembru 1566.

### L-Erezzjoni tat-Tribunal

Il-Kavallieri ma ridux li l-Isqof ikun inkwiżitur. It-tilwim dwar il-ġurisdizzjoni u ħwejjeġ oħra bejn il-Gran Mastru Jean Levesque de La Cassiere (1572–1581) u l-Isqof Martino Royas de Portarubio (1572–1577), wasslu biex Ruma bagħtet lil Monsinjur Pietro Dusina bħala delegat Appostoliku kif ukoll bħala Inkwiżitur. Kien hemm ħtieġa ta' medjatur. Dusina kien mitlub ukoll li jagħmel vista Appostolika.

Bit-twaqqif ta' dan it-Tribunal il-Maltin kienu suġġetti għal erba' qrati, tal-Gran Mastru, tal-Isqof, tal-Inkwiżitur u tal-Kaptan tal-Virga







(Università). Xi Patrijiet Karmelitani Skalzi u Dumnikani kienu fost il-konsulturi u konfessuri tagħhom. Dan għax kien faċli għalihom u kienu qrib tagħhom. Fosthom kien hemm il-Karmelitani Skalzi, Patri Duminku tat-Trinità Qaddisa, Patri Sidor ta' San Duminku u Patri Silvanu ta' San Franġisk u d-Dumnikan – Patri Tommaso de Vio.

L-Ordni ta' San Ġwann tat lill-Inkwiżizzjoni l-palazz tagħha fil-Birgu; fejn fl-ewwel żmien tagħhom kellhom il-qorti, il-kastellanija. Fi żmien l-Ingliżi sar *Officers Mess* għar-riġmenti Ingliżi tad-distrett tal-Kottonera. Ta' min ifakkar li meta l-Patrijiet Dumnikani tal-Birgu waqgħetilhom bil-gwerra l-Knisja tal-Lunzjata f'Jannar 1941, f'Diċembru 1942 daħlu f'dan il-palazz u għal xi żmien biddluh f'kunvent u kappella pubblika. Illum sar Mużew tal-Inkwiżitur.

L-Inkwiżitur kellu palazz tas-sajf fil-Girgenti, limiti tas-Siġġiewi. Kien bnieh l-Inkwiżitur Onorato Visconti fl-1625. Il-kappella tiegħu, iddedikata lil San Carlo Borromeo, bnieha fl-1763 l-Inkwiżitur (aktar tard Kardinal) Angelo Durini (1760–1766). Illum il-palazz hu residenza tal-Prim Ministru.

Kien hemm 62 Inkwiżitur bejn 1575–1798 (26 laħqu Kardinali u 2 minnhom Papiet; Fabio Ghigi bl-isem ta' Alessandro VII u Antonio Pignatelli li ħa l-isem ta' Innocenzo XII). Żewġ inkwiżituri mietu hawn Malta u ndifnu f'pajjiżna. **Dawn kienu Giovanni B. Petralata u Carlo Cavaletti li se nitkellem dwarhom aktar 'il quddiem.**

## Pietro Dusina 1574–1577



Kien l-ewwel inkwiżitur ta' Malta li għamel l-ewwel vista Appostolika f'Malta li baqgħet tissemma fl-Istorja tal-Knisja ta' pajjiżna. Pietro Dusina twieled fi Brescia, fil-Lombardija fl-Italja ta' fuq. Kellu Dottorat fit-Teoloġija, fil-Liġi Ċivili u Kanonika. Bejn 1572–1573 kien Vigarju tal-Kardinal Carafa, Arċisqof ta' Napli. Minn Napli mar Ruma u l-Papa Girgor XIII, fit-3 ta' Lulju 1574, innominah bħala Inkwiżitur ta' Malta. Xahar wara wasal Malta (fl-1 ta' Awwissu 1574). Il-vista appostolika bdiet fil-21 ta' Jannar 1575 u ntemmet fit-12 ta' Marzu 1575. Wara li qeda dmirijiet oħra temm il-missjoni tiegħu. Dusina reġa' lura f'Ruma f'Ġunju 1575. Warajh inħatar Pietro San Umano u hekk bdiet is-sensiela ta' 62 Inkwiżitur ta' Malta.

Ir-rapport oriġinali ħadu miegħu u ppreżentah lill-Papa Girgor XIII (1572–1585). Imma għandna tliet kopji tiegħu fl-arkivju tal-Inkwiżitur ta' Malta, kopji oħra nsibuhom fil-kurja tal-Arċisqof u fil-Biblijoteka Nazzjonali ta' Malta. Hemm ukoll xi kopji għand persuni privati.

## Giovanni Battista Petralata – 1587



Is-suċċessur tal-Inkwiżitur Ascanio Libertano kellu jkun Giovanni Petralata. Kien it-tmien Inkwiżitur ta' Malta. Hu twieled fil-belt ta' Camerino fl-Italja ċentrali. F'Diċembru 1850 il-Papa Gregorju XIII għażlu bħala Isqof djoċesan ta' Sant'Angelo dei Lombardi u Disaccia fl-Italja t'isfel. Irriżenja fl-1585 imma baqa' jżomm it-titlu ta' Isqof biss tad-djoċesi.

Il-Papa Sistu V ordnah Inkwiżitur ta' Malta f'Ġunju 1587. Fil-21 ta' Lulju 1587 kien ġej Malta fuq ix-xwieni tal-Ordni meta qabdu wġiegħ qawwi u ħassu ma jiflaħx. Malli wasal ħaduh dritt il-palazz tiegħu fil-Birgu. Miet matul il-lejl bla ma laħaq ippreżenta l-kredenzjali tiegħu lill-Gran Mastru Hughes Loubenx de Verdalle (1582–1595). Sarlu funeral solenni fil-knisja ta' San Lawrenz tal-Birgu; dak iż-żmien kienet il-knisja Konventwali tal-Ordni ta' San Ġwann. Giovanni Petralata kien l-ewwel Isqof Inkwiżitur li miet f'Malta. Kien ukoll l-ewwel u l-aħħar funeral solenni tal-Isqof Inkwiżitur iċċelebrat f'din il-knisja. Il-mewt tiegħu hija rreġistrata fil-knisja ta' San Lawrenz. Fil-kor tal-istess knisja kienet tqiegħdet lapida tal-franka. b'kitba bil-Latin biex tfakkar fejn jinsabu l-fdalijiet tiegħu. Bil-Malti kienet tgħid hekk: *F'dan il-qabar, hawn il-fdal ta' Giovanni Battista Petralata minn Camerino, Isqof ta' Sant'Angelo. Hu kien ġie nnominat mill-Papa Sistu V biex ikun Inkwiżitur għal din il-ġżira ta' Malta u kien ġie fdat ukoll b'ħidmiet oħra diffiċli. Kif niżel mix-xini u mar lejn il-Palazz tal-Inkwiżitur hu radd ruħu lil Alla immortali fil-21 ta' Lulju 1587. Dan kien ta' niket kbir għall-Ordni Ġerosolimitan u għall-poplu Malti kollu.*

Meta kienet qed terġa' tinbena l-knisja fl-1687 din il-lapida tqiegħdet fil-presbiterju biex dan l-Inkwiżitur jibqa' mfakkar. Iżda meta fl-1827 sar il-paviment ta' rħam, il-lapida nbidlet biex tfakkar kemm lil Giovanni Battista Petralata kif ukoll lil Moscati Dorel, il-benefattur tal-paviment tal-irħam.

Hawn ta' min ifakkar li l-koppla u xi partijiet oħra tal-knisja ġġarrfu bil-gwerra fl-1941 u din il-lapida tkissret u qatt ma tqiegħdet oħra. B'hekk intilfet kull tifkira ta' dan l-Inkwiżitur Petralata u tal-benefattur tal-paviment, Moscati.

## Carlo Cavaletti – 1649–1652



Carlo Cavaletti kien it-30 Inkwiżitur ta' Malta. Twieled Ruma fl-1614, bin in-nobbli Agostino. Huwa kien suċċessur tal-Inkwiżitur Antonio Pignatelli (1646–1649) bil-brevi tal-Papa Innoċenzo X f'Marzu 1649. Huwa wasal Malta f'Mejju 1649 minn Messina bix-xwieni tal-Ordni u ppreżenta l-kredenzjali lill-Gran Mastru Jean Levesque de La Lascaris 1572–1581. L-Isqof kien Michael Balaguer Camarasa 1635–1663. Cavalletti sama' l-ewwel każ ftit jiem wara, sewwa sew fit-2 ta' Ġunju 1649. Ħa l-ġurament fit-22 ta' Diċembru 1649 quddiem l-uffiċjali u l-konsulturi tiegħu. Kellu biss 35 sena u dam tliet snin għax miet qasir il-għomor ta' 38 sena. Fl-Arkivju tal-Inkwiżizzjoni, Mdina Malta, insibu tliet volumi tal-proċessi tiegħu. Meta marad innomina lil Pontremoli bħala Viċi-Inkwiżitur approvat mis-Sant'Uffizzju f'Ruma. Missieru ġie pront Malta biex jieqaf miegħu f'dik il-marda qerrieda tiegħu.

Carlo Cavalletti miet fis-6 ta' Mejju, 1652. Sarlu funeral solenni fil-knisja tal-patrijiet Karmelitani Skalzi ta' Santa Tereża, f'Bormla. Qaddes solenniment l-Isqof ta' Malta Mons. Michael Balaguer Camarassa (1635–1663) bis-sehem tal-Kapitlu tal-Katidral. Kien rappreżentat l-Ordni ta' San Ġwann, tal-Inkwiżitur u rappreżentanti oħrajn. Missieru daħal għall-ispejjeż kollha tal-marda; mediċini u tal-funeral biex ibnu jkollu funeral kif jixraq għall-pożizzjoni tiegħu. Is-Sant'Uffizzju ġie mgħarraf b'dan kollu.

Biex dan l-Inkwiżitur jibqa' mfakkar kienet tqiegħdet lapida ta' rħam fil-knisja ta' Santa Tereża, b'kitba bil-Latin li fl-ilsien tagħna tgħid hekk: "Lil Alla tant tajjeb u kbir. Lil Carlo Cavaletti, nobbli Ruman (Ruma), referendarju taż-żewġ sinjaturi, Inkwiżitur u Delegat Appostoliku f'Malta, li ħaqqu kull tifħir għall-innoċenza ta' ħajtu u għall-integrità sħiħa ta' mġibtu. Hu miet ta' 38 sena fis-16 ta' Mejju 1652." Maż-żmien din il-lapida tkabret ħafna u ma baqgħetx tinqara sewwa.

## Għeluq

Kif għidna, dawn kienu ż-żewġ inkwiżituri li mietu f'Malta ndifnu wieħed il-Birgu u l-ieħor f'Bormla. L-aħħar inkwiżitur u Delegat Appostoliku f'Malta, Giulio Carpegna (1793–1798) telaq minn Malta fis-26 ta' Mejju 1798 lejn Ruma, qabel il-wasla tal-Franċiżi f'Malta fis-16 ta' Ġunju 1798. Fi ftit jiem il-Ġeneral Napuljun issoppressa l-Inkwiżizzjoni u l-Ordni ta' San Ġwann minn pajjiżna. Il-Granmastru Ferdinand Von Hompesch telaq fil-lejl tal-għada lejn Trieste. Kien it-tmiem tagħhom. Imma t-Tribunal tal-Inkwiżizzjoni kien soppress formalment mill-Papa Piju VII fil-25 ta' Novembru 1800. Wara nfetħu ħafna paġni oħra f'ġrajjet pajjiżna.

Bibliografija


[1] Art Twelidi – J. Galea Kav. 1984

[2] Id-Dumnikani fir-Rabat u fil-Birgu sal-1620, 1974, Michael Fsadni, O.P.

[3] Il-Knejjes li ma għandhomx jidhru ġewwa l-Birgu – Gius. Porsella Flores. Rivedut u Aġġornat minn Joseph F. Porsella–Flores, 2002

[4] L-Istorja tal-Knisja f'Malta PIN Nru 42. Joseph Bezzina, Malta 2002.

[5] NLM. Lib. 8

[6] Storia Ecclesiastica di Malta – Achille Ferris – Malta 1877

[7] Storja tal-Inkwiżizzjoni ta' Malta Vol.1, 1990, Alexander Bonnici. OFM Conv.

[8] Storja ta' Malta – Andrew Vella OP – Vol.2, 1979.


**Nota: Tajjeb li ngħidu li:**

Il-Fratellanza tas-Sagrament u tar-Rużarju twaqqfu f'Malta mid-Delegat Appostoliku Pietru Dusina.

Il-Vista Appostolika tiegħu f'Bormla saret fid-19 ta' Frar 1575. Hemm żar il-knisja ta' Santa Marija tas-Sokkors, meta l-knisja kienet għadha dipendenti tal-Parroċċa tal-Birgu. Il-knisja ma kellhiex rettur imma kienu jieħdu ħsiebha tliet prokuraturi lajċi.


GOSTIK

Il-gosti tiegħek bħal ikel, xorb, eċċ.

St. Francis Street, Cospicua

Tel: 2766 1148